**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2018**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 871/2015**

**Anthony Calamatta u martu Nathalie Calamatta, John Attard u martu Denise Attard, Saviour Axiaq u martu Rosaria Axiaq, Emanuel Borg u martu Vivian Borg, Esprit Bray u martu Dolores Bray, Carmel Cassar u martu Lucia Cassar, Victor Cauchi u martu Marianne Cauchi, Louis Chircop u martu Doris Chircop, Emanuel Cuesta, Carmel Farrugia u martu Nicolina Farrugia, Doris Fenech, Aronne Genovese u martu Rita, Richard Palmier u martu Mary Palmier, Walter Powell u martu Annie Powell, George Psaila u martu Maria Psaila, Anthony Simler u martu Rose Simler, Francis Tanti u martu Theresa Tanti, Victor Tanti, Salvu Valletta, John Vella u martu Margaret Vella, Peter Paul Vella u martu Loreta Vella**

**u**

**Ines armla ta' George Atkins u wliedha Charles Atkins David Atkins, Mary Anne Aquilina, Godwin Atkins, John Atkins, Jesmond Atkins, Patrick Atkins u dawn fir-rigward tal-pensjoni spettanti lill-mejjet George Atkins**

**u**

**Lilian armla ta ' Joseph Avellino u wliedha Adrian Paul Avellino, Simon Jude Avellino, Martin Raymond Avellino, Mark Joseph Avellino u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lill-mejjet Joseph Avellino**

**u**

**Maria Theresa sive Terry Lubrano fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Lilian sive Mary Bencini**

**u**

**Giovanna armla ta' Alfred Bilocca u wliedha Anna mart Alfred Spiteri, Raymond Bilocca fir-rigward tal-pensjoni spettanti lill-mejjet Alfred Bilocca**

**u**

**Mary mart Francis Saviour Bonnett u wliedha Stephanie Micallef Bonnett, Josianne Ciantar Bonnett fir-rigward tal-pensjoni spettanti lill-mejjet Francis Saviour Bonnett**

**u**

**Anna Bonett Peplow, Victor Bonett u Marthese Bonett fir-rigward tal-pensjoni ta' Joseph Bonett**

**u**

**Grace Borg u wliedha John Borg, Carmelo Borg fir-rigward tal-pensjoni ta' Alexander Borg**

**u**

**Lilian Borg u wliedha Elisabeth Jane Chetcuti u Patricia Cocks fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Thomas Borg**

**u**

**Maria armla ta' Egidio Bugeja u wliedu Margaret mart Jesmond Mallia, Diana mart Alexander Azzopardi, Dionisio Bugeja, Aaron Bugeja u Stephen Bugeja fir-rigward tal-pensjoni ta' Egidio Bugeja**

**u**

**Jennifer Muscat u Nathalie Axisa fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil missierhom Edwin Caruana**

**u**

**Maria Stella armla ta' Joseph Cini u wliedha Mark Cini, Noel Cini u Michael Cini u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Joseph Cini,**

**u**

**Rita armla ta' Joseph Curmi u wliedha Marion Sammut, Joseph Curmi, Charles Curmi, Gaetano Curmi, Bernadette Barbara fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Joseph Curmi**

**u**

**Maria Dolores armla ta' Vincent Cuschieri u wliedha Lawrence Cuschieri u Jonathan Cuschieri u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Vincent Cuschieri**

**u**

**Emanuela sive Lilian armla ta' Felic Cutajar u bintha Miriam Caruana u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Felic Cutajar**

**u**

**Pauline armla ta’ Giuseppe Maria sive Joseph Cutajar u wliedha Norman Cutajar u Valerie mart John Borg Costanzi fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Giuseppe Maria sive Joseph Cutajar**

**u**

**Mireille armla ta' Richard Darmanin u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Richard Darmanin**

**u**

**Joseph Debattista u Carmelo Debattista fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Lewis Debattista,**

**u**

**Margaret armla ta' Carmel Falzon u wliedha Rosanne Sammut u Martin Falzon u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Carmel Falzon**

**u**

**Rose Farrugia bhala armla ta' Robert Farrugia u dan fir-rigward tal-pensjoni rizultanti wara l-mewt ta' Robert Farrugia**

**u**

**Anne armla ta' Joseph Fenech u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lilha wara l-mewt tal-imsemmi Joseph Fenech**

**u**

**Giorgina armla ta' Joseph Formosa u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lilha wara l-mewt ta' zewgha Joseph Formosa**

**u**

**Maria armla ta’ Francis Frendo u wliedha Joseph Frendo u Alexander Frendo u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Francis Frendo**

**u**

**Albert Galdes bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil missieru Victor Galdes**

**u**

**Adeodata Galea, Vincenza Galea, Patri Cherubin Galea, Maria armla ta’ Carmelo Galea, Godfrey Galea bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Lawrence Galea**

**u**

**Antida sive Aida armla ta' Carmelo Grech u wliedha Simone mart Michael Culver u Mark Grech fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Carmelo Grech**

**u**

**Carmela mart Peter Galea bbala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni ta' ohtha Dolores Marmara**

**u**

**Mary mart John Marshall u wliedha Albert Marshall, Carmen Cilia, Monica Marmara, Vincent Marshall, Josephine Giordmaina u Noel Marshall u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil John Marshall**

**u**

**Glorianne Sammut, Nadine Bencini, Mario Micallef Grimaud, fir-rigward tal-pensjoni ta' Aldo Micallef Grimaud**

**u**

**Antonia armla ta' Vincent Montanaro u wliedha Theresa Rizzo, Paul Montanaro u Mario Montanaro u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Vincent Montanaro**

**u**

**Dolores armla ta' Attilio Pace flimkien ma’ wliedha Anthony Pace u Victor Pace f’isem l-assenti Marika Seisun fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Attilio Pace**

**u**

**Josephine armla ta' Francis Pace u wliedha Carmen sive Lilian mart Raymond Vassallo, Frank Pace u Vincent Pace Demarco u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Francis Pace**

**u**

**Josephine armla ta' Reginald Portelli flimkien ma' wliedha Josianne Xerri u Ivania Borg bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Reginald Portelli**

**u**

**Keith Poulton u Jeffrey Poulton bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti iii Ralph Poulton**

**u**

**Charles Sacco f'ismu u f'isem huh assenti Frank Sacco, Dionisia sive Denise mart Ronald Cauchi, Antonia sive Ninette mart Anthony Gatt Hampton, Leonard Sacco u Paul Sacco bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Remigio Sacco**

**u**

**Paola armla ta' Michaelangelo Scerri u wliedha Noel Scerri, Doreen Gatt, Vincent Scerri bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Michelangelo Scerri**

**u**

**Ethel armla ta Carmelo Scicluna u wliedha Bernardette Cuschieri u Marica Debono bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Carmelo Scicluna**

**u**

**Elena armla ta' Maurice Tanti Burlo bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Maurice Tanto Burlo**

**u**

**Maria Casilda armla ta' Joseph Vella u Marco Vella bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti iii Joseph Vella**

**u**

**Rosina armla ta' Joseph Vella kif ukoll Maria Carmela sive Marica Camilleri u Simon Vella bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Joseph Vella**

**u**

**Louise mart Dennis Dowling Victoria Camilleri, Maria Carmela sive Lina von Brockdorff ahwa Xuereb, bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti iii Mary Ann Xuereb**

**u**

**Rosaria armla ta' Paul Zrinzo u wliedha Josette Zrinzo, Maria Assunta mart Mario Mizzi, u Lawrence Paul Zrinzo bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Paul Zrinzo**

**u**

**b'digriet tat-22 ta' April 2016**

**Angelo Baldacchino, Theresa mart Eugenio Spiteri, Maria Concetta mart Thomas Theuma, Antoinette mart Emanuel Bugeja u Maria Baldacchino intervenew fil-kawza bhala successuri tal-mejjet missierhom Joseph Baldacchino**

**vs**

**Go plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-16 ta' Settembru, 2015 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti, jew il-predecessuri taghhom skond il-kaz, kienu impjegati mar-Rediffusion Limited u wara, mat-twaqqif tal-Korporazzjoni Telemalta fl-1975, ma saru impjegati mal-istess Korporazzjoni u sussegwentement mas-socjeta intimata sakemm huma mbaghad waslu biex irtiraw.

2. Illi l-Korporazzjoni Telemalta kienet intrabtet li taghmel ghall-impjegati taghha skema ta' pensjoni simili ghal dik li jhaddem il-Gvern
"The Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees

over the age of 50 years on the date of transfer to the Corporation (i.e. 13th February 1975) will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation.
Where a former employee of the Rediffusion Group of Companies dies in the service of the Corporation before the introduction of a pension scheme, the Corporation may grant to his widow, or if his wife had predeceased him, to his minor children, a gratuity of an amount not exceeding his annual salary including any cost of living increases."

3. Illi dan sar permezz tal-ftehim li gie iffirmat fl-1 ta' Marzu 1976 (Dok. A) konfermat b'iehor tal-5 ta' Dicembru 1981 (Dok. B). Dan il-ftehim kellhu jkollu effett mit-13 ta' Frar 1975.

4. Illi s-socjeta intimata naqset milli timplimenta din l-iskema ta' pensjoni favur l-esponenti.

5. Illi l-esponenti b'hekk gew imcahhda mid-dritt taghhom ghall-pensjoni u li twieled mal-ftehim fuq imsemmi.

6. Illi l-pensjoni tal-Gvern hija kalkolata ghal zewg terzi tal-paga li jkollhu l-impjegat meta jilhaq l-eta ta' sittin sena, jew qabel, jekk jigi medically boarded out u dan tenut kont in-numru ta' xhur ta' servizz li jkollhu dak l-impjegat diviza bin-numru ta' 360 u inoltre, tali pensjonant ikollu d-dritt illi meta jigi biex jirtira jikkomuta kwart mill-istess pensjoni billi jiehu gratifikazzjoni ekwivalenti ghal kwart tal-pensjoni multiplikata bi tnax u nofs u b'hekk jircievi mbaghad pensjoni ta' tlett kwarti.

7. Illi inoltre, kien hemm modifika patwita illi fir-rigward ta' dawk il-pensjonanti li ma jkunux lahqu ghamlu ghaxar snin impjieg, jiehdu pensjoni pro-rata u minn barra dan, jekk pensjonant imut whilst still in service, l-armla jew it-tfal tieghu minuri skond il-kaz, jiehdu gratifikazzjoni (gratuity) ekwivalenti ghal salarju ta' sena komprizi l-cost of living increases.

Ghaldaqstant tghid is-socjeta intimata ghaliex din l-Onorabbili Qorti ma ghandhiex:

1. Tiffissa zmien qasir u perentorju li fih is-socjeta intimata ghandha timplimenta l-iskema ta' pensjoni favur l-atturi bhala ex impjegati tar-Rediffusion, jew is-successuri taghhom, u dan a bazi tal-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1975 liema skema ghandha titqies li dahlet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1975 u li ghandha l-qafas taghha l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93) salv il-modifiki patwiti, ghandha tkun non kontributorja u bl-ammont tal-pensjoni jkun sa massimu ta' zewg terzi tal-ahhar salarju tal-impjegat koncernat u liema pensjoni tithallas malli jilhqu l-eta ta' 60 sena jew meta jigu medically boarded out, liema jigi l-ewwel, bid-dritt tal-kommutazzjoni ta' parti mil-pensjoni kif kontemplat fl-imsemmija Ordinanza u bid-dritt ta' kumpens ekwivalenti ghal sena paga ghan-nisa li jkunu romlu waqt li zwieghom kien ghadu impjegat, u ghandha titqies li tkun tikkomprendi l-artikoli 6, 7, 10, 12 u 13 sa 18, tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), bil-modifiki mehtiega minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u bil-modifiki mehtiega minhabba dak li gie espressament patwit fil-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1975; u

2. F'kaz li jkun ghadda inutilment it-terminu hekk prefiss, tiddikjara li dak il-ftehim jigi jorbot bis-sahha tal-istess sentenza;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok, jispetta lill-atturi li jgibu l-ahjar prova dwar l-impjieg ta' kull wiehed u wahda minnhom jew tal-predecessuri taghhom skont il-kaz mal-kumpannija Rediffusion Limited, u fejn hu l-kaz il-prova li huma effettivament il-konjugi jew l-eredi ta' dawk mill-atturi li kienu impjegati, oltre li sussegwentement Ii huma lkoll saru impjegati mal-Korporazzjoni Telemalta u finalment li huma irtiraw meta kienu effettivament impjegati mas-socjeta konvenuta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili;

3. Illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-azzjoni attrici hija wahda kollettiva mressqa mill-atturi li kienu mpjegati, jew li kellhom il-predecessuri taghhom impjegati ma’ Rediffusion (Malta) Limited, u sussegwentement, b’effett mit-13 ta’ Frar, 1975, mal-Korporazzjoni Telemalta, llum is-socjetà konvenuta Go plc, li permezz taghha qeghdin jitolbu li jinghata effett lill-ftehim iffirmat fl-1 ta’ Marzu, 1976 (ara Dok A a fol. 13 et seq tal-process), kif konfermat fi ftehim iehor f’Dicembru, 1981 (ara Dok. B a fol. 33 tal-process).

**Provi**

Permezz tal-ftehim originali li kellu jkollu effett mit-13 ta’ Frar, 1975, il-Korporazzjoni Telemalta ntrabtet li twaqqaf skema ta’ pensjoni ta’ servizz ghal dawn l-impjegati, simili ghal dik tal-haddiema tal-Gvern. Fil-fatt permezz tal-klawzola numru 11 il-ftehim jikkontempla illi:

> It is understood that the Corporation <u>will</u> introduce a pension scheme similar to that operated by Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years on the date of transfer to

> the Corporation (i.e. 13th February 1975) will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation.
>
> Where a former employee of the Rediffusion Group of Companies dies in the service of the Corporation before the introduction of a pension scheme, the Corporation may grant to his widow, or if his wife had predeceased him, to his minor children, a gratuity of an amount not exceeding his annual salary including any cost of living increases."

Il-ftehim tas-sena 1981, ma biddel xejn mill-klawsola miftehma li kienet titratta l-pensjoni. Ladarba l-Korporazzjoni Telemalta, kif ukoll eventwalment is-socjetà konvenuta, naqset milli timplimenta din l-iskema ta' pensjoni, l-atturi qeghdin jikkontendu li huma gew imcahhda mid-dritt taghhom ghall-pensjoni naxxenti mill-imsemmi ftehim, u ghalhekk qeghdin jitolbu li s-socjeta konvenuta timplimenta din l-iskema ta' pensjoni u f'kaz li l-istess socjeta konvenuta tonqos milli taghmel dan, jigi dikjarat minn din il-Qorti li l-ftehim in kwistjoni jigi jorbot bis-sahha tal-istess sentenza.

Da parti taghha s-socjeta konvenuta teccepixxi li (i) l-atturi, jew il-predecessuri taghhom, iridu jippruvaw li tassew kienu mpjegati mal-kumpannija Rediffusion (Malta) Limited, li sussegwentement saru wkoll impjegati mal-Korporazzjoni Telemalta u li effettivament kienu mpjegati mas-socjetà konvenuta meta rtiraw; (ii) li t-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni trentennali kontemplat taht l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u (iii) li fi kwalunkwè kaz it-talbiet attrici huma nfondati wkoll.

In kwantu ghall-ewwel eccezzjoni, l-atturi ressqu fl-atti diversi dokumenti sabiex isostnu l-pretensjonijiet taghhom fis-sens li huma jew il-predecessuri taghhom kienu impjegati ma' Rediffusion (Malta) Limited (minn hawn 'il quddiem imsejjha Rediffusion) u sussegwentement mal-Korporazzjoni Telemalta meta rtiraw. Xehed permezz ta' affidavit Anthony Abela li spjega li kien ilu jahdem mar-Rediffusion sa mill-20 ta' April, 1970, u dan fil-qasam ta' accounts u pagi. Jispjega li fis-sena 1975 l-impjegati tar-Rediffusion gew kollha trasferiti mal-Korporazzjoni Telemalta, bis-sahha ta' ftehim iffirmat bejn il-Gvern ta' dak iz-zmien, il-General Workers Union u l-istess Korporazzjoni Telemalta. Dan sehh ukoll fil-kaz tal-impjegati tal-Cable and Wireless li bdew jahdmu mal-istess Korporazzjoni sa mill-formazzjoni taghha. Jispjega li l-Korporazzjoni kellha diversi divizjonijiet fosthom dik maghrufa bhala

"Xandir Malta". Gara wkoll li fil-bidu tas-snin disghin saret kumpanija statali ohra, l-Public Broadcasting Services Limited (minn hawn 'il quddiem imsejha PBS), fejn huwa, flimkien ma' numru ta' impjegati ohra gew imbaghad assimilati f'din il-kumpannija l-gdida. Sadanittant jispjega, li whud mill-atturi kienu lahqu temmew l-impieg taghhom mal-Korporazzjoni Telemalta, peress li rtiraw biz-zmien, jew gew neqsin, jew ghaliex gew medically boarded out. Ghalhekk jelenka lista ta' tnejn u sittin persuna (l-atturi kollha f'din il-kawza) li l-impieg taghhom baqa' mal-Korporazzjoni Telemalta, li sussegwentement saret Maltacom plc, u ma marrux mal-PBS. Jispjega li sakemm irtira, effettivament il-files personali tal-impjegati li kienu fix-Xandir u li marru mal-Maltacom, baqghu fi Broadcasting House u Television House. Jghid ukoll li peress li meta giet iffurmata l-PBS, minhabba ristrutturar, din ma kellhiex bzonn l-impjegati kollha tad-divizjoni tax-Xandir, numru ta' impjegati gew perswazi sabiex jibqghu mal-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk qatt ma gew assimilati mal-PBS.

L-atturi ressqu numru ta' dokumenti in sostenn tal-pretensjonijiet taghhom, bhal *employment history records* mahruga mill-ETC, kopji tar-rendikont ta' dhul, kopji ta' dokumenti mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, kopji tal-*Emoluments and Tax Deduction Records,* Formoli tat-Taxxa, dokumenti ohra mahruga minn Rediffusion (Malta) Limited, il-Korporazzjoni Telemalta, FS3s, ecc. Kif ukoll fejn l-impjegati gew nieqsa, kopji tac-certifikati tal-mewt, tat-testmenti u tad-dikjarazzjoni *causa mortis*, skont il-kaz.

Wara dan, sar process ta' verifika da parti tas-socjeta konvenuta li min-naha taghha, ressqet bhala xhud lil Ayrton Caruana li qasam il-lista ta' atturi jew tal-predecesssuri taghhom f'erba' kategoriji differenti:

(I) Tmien impjegati li bdew mar-Rediffusion u li sussegwentement kienu trasferiti fit-Telecoms Division ta' Telemalta, senjatament: Pace Francis, Portelli Reginald, Montanaro Vincent, Borg Emanuel, Debattista Louis, Simler Anthony, Zrinzo Paul u Palmier Richard;

(II) Tnejn u ghoxrin impjegat li rtiraw qabel ma twaqqfet il-PBS, li madankollu kienu jahdmu fil-qasam tax-xandir u mhux fit-Telecoms Division, li kienu jithallsu minn Xandir Malta u li ghalhekk il-files taghhom baqghu arkivjati fil-PBS, jigifieri: Bencini Liliana, Paulton Ralph, Borg Alexander, Bonnett Frank, Avellino Joseph,

Atkins George, Galdes Victor, Cutajar Felic, Fenech Joseph, Marshall John, Caruana Edwin, Galea Lawrence, Bonett Joseph, Grech Charles, Bray Esprit, Marmara Dolores, Cuschieri Vincent, Powell Walter, Micallef Grimaud Aldo, Axiaq Saviour, Questa Emanuel u Valletta Salvu;

(III) Erbatax-il impjegat li wara li gew trasferiti minn Xandir Malta ghal Telemalta u rtiraw wara s-sena 1991 mit-Telecoms Division, jigifieri:

Borg Thomas, Bilocca Alfred, Frendo Francis, Farrugia Robert, Cassar Carmel, Tanti Burlò Maurice, Attard John, Vella John Vanni, Xuereb Marianne, Psaila George, Pace Attilio, Calamatta Anthony, Farrugia Carmel, u Tanti Victor;

(IV) Sitt individwi li taghhom ma nstab ebda file taghhom, li jindika li dawn ma rtirawx mit-Telecoms Division, jigifieri:

Vella Joseph, Chircop Louis, Genovese Aronne, Cini Joseph, Cutajar Joseph, Vella Peter Paul u Fenech Doris.

Kwindi fuq mistoqsija diretta minn din il-Qorti, x-xhud ikkonferma li s-socjeta konvenuta kienet qeghda tikkontesta l-legittimazzjoni attiva tal-atturi li kienu jinsabu fit-tieni u r-raba' kategoriji. Madankollu mistoqsi in kontro-ezami, huwa kkonferma li bil-ligi tas-sena 1975, meta giet inkorporata l-Korporazzjoni Telemalta, f'dak il-mument dahlu jahdmu maghha, kemm l-impjegati li kienu precedentement impjegati mar-Rediffusion, li kellhom is-settur tax-Xandir, kemm l-impjegati li qabel kienu jahdmu mal-Cable and Wireless li kienu jahdmu fil-qasam tal-komunikazzjoni, kif ukoll dawk li kienu jahdmu mal-Gvern mal-Postal Telephones Department. Ghalhekk taht il-Korporazzjoni Telemalta nghaqdu zewg divizjonijiet separati, dak ta' Xandir Malta u dak tat-Telefonija, li baqghu jahdmu mal-Korporazzjoni Telemalta sa' Settembru 1991, meta twaqqfet il-PBS, meta dak li kien il-qasam tax-Xandir ma' baqax izjed mansjoni tal-Korporazzjoni. Ghalhekk dawk l-individwi li lahqu rtiraw qabel it-twaqqif tal-PBS, jitqiesu li rtiraw minn max-Xandir <u>fi hdan il-Korporazzjoni Telemalta.</u>

Xehed mill-gdid Anthony Abela, li spjega li ghalkemm ix-Xandir kien entita ghaliha jew Dipartiment tat-Telemalta, din kienet tifforma parti mill-organizzazzjoni tat-Telemalta, tant li kienu jaqghu taht l-istess Bord u Chairman. Hekk ukoll il-hatriet u l-promozzjonijiet kienu jsiru taht l-istess Korporazzjoni Telemalta. Ghalkemm il-PBS

twaqqfet fis-sena 1991, jispjega li d-data effettiva tat-trasferiment tal-haddiema fil-qasam tax-xandir sar b'effett tal-1 ta' Settembru, 1993 (ara Dok. B a fol. 33 tal-process). Jishaq li l-atturi f'din il-kawza spiccaw l-impieg taghhom minn mal-Korporazzjoni Telemalta u mhux mal-PBS.[1] Mistoqsi dwar l-analizi tal-impjegati maghmula minn Ayrton Caruana rrileva li kien hemm tnax-il persuna li thallew barra u li ghalkemm huwa ma kellux rekords, dawn kienu jinzammu fl-arkivji tax-Xandir, li sussegwentement sar il-PBS. B'referenza ghax-xhieda ta' Ayrton Caruana, l-atturi pprezentaw dokumentazzjoni ulterjuri fir-rigward ta' numru ta' haddiema in sostenn tal-legitimazzjoni attiva taghhom, permezz ta' nota pprezentata fis-26 ta' Ottubru, 2016.

Xehed ukoll Dr Mark Vassallo, in rapprezentanza tas-socjeta PBS, li qal li ghalkemm ma sabx files personali ta' numru ta' indvidwi kif mitlub, esebixxa numru ta' dokumenti li minnhom irrizultat informazzjoni relattiva ghal xi whud mill-individwi, atturi f'din il-kawza. Rat in-nota ta' GO plc tas-26 ta' Frar, 2018, li permezz taghha giet ipprezentata kopja ta' kuntratt datat 5 ta' Awwissu, 1992, bejn il-Korporazzjoni Telemalta u PBS (a fol. 753 *et seq.* tal-process), kif ukoll kopja tal-Memorandum and Articles of Association li minnhom jirrizulta li l-PBS twaqqfet fis-27 ta' Settembru, 1991 (Dok. X2 a fol. 767).

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

Din il-Qorti kkunsidrat il-fatt li s-socjeta konvenuta accettat li dawk l-individwi msemmija fl-ewwel u fit-tielet kategoriji elenkati qabel, bhala impjegati taghha, cioe dawk li bdew mar-Rediffusion u eventwalment saru mpjegati mat-Telemalta, kif ukoll dawk li gew trasferiti minn Xandir Malta ghal Telemalta u rtiraw wara s-sena 1991 mit-Telecoms Division fi hdan il-Korporazzjoni, u ghalhekk mhux meqjus mehtieg li ssir indagni ulterjuri fir-rigward taghhom. Izda jehtieg li din il-Qorti tezamina l-provi fir-rigward ta' dawk l-impjegati elenkati taht iz-zewg kategoriji l-ohra, hekk kif kontestati mis-socjeta konvenuta, kif ukoll dawk it-tnax-il persuna li thallew barra mill-analizi maghmula minnha, sabiex jigi determinat jekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta tirrizultax gustifikata.

[1] Effettivament dawk l-impjegati li kienu fil-qasam tax-xandir fi hdan il-Korporazzjoni Telemalta li gew assimilati mal-PBS, ghandhom proceduri simili ghaddejjin fil-konfront tal-PBS, fejn giet kjamata in kawza s-socjeta konvenuta GO plc, li jgibu referenza 669/2010, deciza in Prim'Istanza fl-14 ta' Dicembru, 2017, liema sentenza tinsab appellata.

Jibda billi jigi osservat illi mill-atti jirrizulta li fis-27 ta' Settembru, 1991, twaqqfet is-socjetà PBS u li sar kuntratt bejn il-Korporazzjoni Telemalta u l-PBS fil-5 ta' Awwissu, 1992, li *inter alia* jipprovdi:

> In the second place by virtue of this same deed the appearer Doctor Richard Galea Debono on behalf of the Corporation does hereby sell, transfer and convey to the Company on whose behalf the appearer Roland Fiorini accepts buys and acquires: -
> …
> (2) All rights and claims (including litigious rights) and agreements regarding broadcasting services, of the Corporation against or with third parties (including any claims against the Broadcasting Authority) and all debts due to or by the Corporoaation regarding its broadcasting services, subject to all contractual obligations relating to any of the aforesaid rights, claims, agreements or debts. For the avoidance of any doubts the parties agree that this deed comprises all current assets and liabilities appearing on the audited balance sheet of the "Xandir Malta" division of the Corporation as on the thirty-first of July of the year one thousand nine hundred and ninety-two.

Is-socjeta konvenuta, fin-nota taghha ticcita gurisprudenza estensiva, fis-sens li meta l-PBS akkwistat l-assi ta' Xandir Malta, hija assumiet fuqha l-obbligi u l-pretensjonijiet, (inkluz id-drittijiet litigjuzi) li kienu jikkoncernaw lid-divizjoni ta' Xandir Malta. Hekk per ezempju t-Tribunal tal-Ingustizzji fis-sentenza tieghu tal-11 ta' Dicembru, 2002, fil-kaz fl-ismijiet **Victor Sammut vs PBS Limited** inghad:

> Fil-fatt ir-rikorrent kien fiz-zmien in kwistjoni jahdem fid-divizzjoni tax-Xandir Malta tat- TeleMalta Corporation u li din id-divizzjoni kienet amministrata u tiffunzjona separatament. Izda meta bdiet tiffunzjona fl-1993, ghax mhux qabel, il-Public Broadcasting Services Limited kienet akkwistat l-assi kollha li kienu ta' Xandir Malta u meta akkwistat l-assi, assumiet fuqha wkoll drittijiet, obbligi u pretenzjonijiet. In vista tal-fatt illi akkwistat id-drittijiet, l-obbligi u pretenzjonijiet akwistat jew baghtiet ukoll il-konsegwenzi ta' l-ilment tar-rikorrent u cioe` dritt litigjuz kontra taghha spettanti lir-rikorrent.

Kif ukoll, fis-sentenza tat-Tribunal tat-28 t'Ottubru, 2004, fil-kaz fl-ismijiet **Eileen Montesin vs Chairman Telemalta et,** inghad:

> jibqa' l-fatt illi llum il-PBS huwa l-eredi legali ta' Xandir Malta.

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat il-klawsola kuntrattwali hawn qabel citata, taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mit-Tribunal kif appena nghad u ghalhekk ghall-fini ta' din il-kawza, sa fejn il-pretensjoni ghat-twaqqif ta' skema ta' pensjoni, tirrelata mal-impjegati li kienu jahdmu fi hdan it-taqsima ta' Xandir Malta, li kienu potenzjalment

jiffurmaw parti mill-passiv tal-Korporazzjoni Telemalta, permezz tal-imsemmi kuntratt, ghaddew fuq il-PBS. Kwindi s-socjetà konvenuta m'ghandha ebda obbligu li tipprovdi skema ta' pensjoni ghal dan il-grupp t'impjegati.

Isegwi li ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-individwi elenkati taht it-tieni kategorija, ghandha ragun is-socjeta konvenuta meta taghmel distinzjoni bejn l-impjegati ta' Xandir Malta u l-impjegati tat-Telecoms Division. Mill-Organisational Chart tal-Korporazzjoni Telemalta (a fol. 719 tal-process), jirrizulta li l-qasam tat-telekomunikazzjoni u l-qasam tax-xandir kienu jinzammu amministrattivament separati, u li l-finanzi ta' Xandir Malta kienu jinzammu separati minn dawk tat-telefonija, ghalkemm fl-ahhar mill-ahhar, dawn kienu t-tnejn jaqghu taht l-istess Korporazzjoni Telemalta (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Ayrton Caruana in kontro-ezami waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2017), kif wara kollox jirrizulta mill-istess Annual Reports tal-Korporazzjoni Telemalta esebiti in atti (ara Dok. AC 1 a fol. 718 et seq tal-process). Mill-provi ma jirrizultax li Xandir Malta kienet xi entita legali separata, izda taqsima fi hdan il-Korporazzjoni Telemata, liema taqsima kienet taqa' taht l-istess Bord tad-Diretturi tat-Telemalta. Madankollu permezz tal-kuntratt bejn il-Korporazzjoni Telemalta u l-PBS, din tal-ahhar assumiet ukoll l-obbligi kollha li setghet kellha l-Korporazzjoni, fil-konfront tal-impjegati li kienu fil-qasam tax-Xandir, inkluz l-aspettattiva taghhom li titwaqqaf skema ta' pensjoni.

Fir-rigward ta' dawn it-tnejn u ghoxrin individwu, jew is-successuri rispettivi taghhom, fil-fehma ta' din il-Qorti tressqu provi li jixhdu li dawn tassew kienu mpjegati mar-Rediffusion, li sussegwentement saru wkoll impjegati mal-Korporazzjoni Telemalta fi hdan it-Taqsima ta' Xandir Malta, kif jirrizulta ampjament mid-dokumentazzjoni hawn taht elenkata:

| **Isem** | **Dokumenti esebiti in atti** |
|---|---|
| Bencini Liliana | LB 3 a fol. 375; LB 21 a fol. 624; MV10 a fol. 681 |
| Paulton Ralph | RPP9 a fol. 260; MV 21 a fol. 697 |
| Borg Alexander | AB 3 u AB4 a fol. 410 u 411; AB 27 a fol. 625; MV13 a fol. 684 |
| Bonnett Frank | FB20 a fol. 626; MV2 a fol. 661 |
| Avellino Joseph | JA9 a fol. 627; MV1 a fol. 658 |
| Atkins George | GA3 sa GA7 a fol. 357 sa 361; MV11 a fol. 682 |

| | |
|---|---|
| Galdes Victor | VG1 u VG2a a fol 141 sa 144; VG 16 a fol. 629; MV 15 a fol. 686 |
| Cutajar Felic | FC4 a fol. 495; FC 23 a fol. 630; MV 14 a fol. 685 |
| Fenech Joseph | JF1 u JF2 a fol. 554 u 555; MV 9 a fol. 679 |
| Marshall John | JM6 u JM7 a fol. 187 u 188 |
| Caruana Edwin | EC 4 a fol. 456; EC 18 a fol. 631; MV8 a fol. 678 |
| Galea Lawrence | LG4 a fol. 153; LG 15 a fol. 632; MV16 a fol. 688 |
| Bonett Joseph | JB28 a fol. 633; MV7 a fol. 677 |
| Grech Charles | CG8 a fol. 168 |
| Bray Esprit | EB 19 a fol. 634; MV12 a fol. 683 |
| Marmara Dolores | DM 14 a fol. 635; MV20 a fol. 692 sa 696 |
| Cuschieri Vincent | VC7 a fol. 490 |
| Powell Walter | WP 2 – WP4 a fol.262 sa 264; WP11 a fol.280; MV6 a fol. 675 |
| Micallef Grimaud Aldo | CMG3a sa e a fol. 191 sa 195; AMG 13 a fol. 636; MV 22 a fol. 698 |
| Axiaq Saviour | SJA2 u SJA3a a fol. 370 u 371; SA 4 a fol. 637; MV18 a fol. 690 |
| Cuesta Emanuel | EC 8 a fol. 638 |
| Valletta Salvu | SV12 a fol. 639 |

Huwa minnu li mill-provi in atti jirrizulta li whud minn dawn it-tnejn u ghoxrin impjegat irtiraw qabel ma twaqqfet il-PBS u ohrajn ma jirrizultax meta rtiraw. Fi kwalunkwe kaz, ladarba l-maggoranza tal-provi in atti jindikaw li dawn l-impjegati kienu jahdmu fil-qasam tax-xandir, jew in-nuqqas tal-atturi f’xi whud mill-kazijiet, li jippruvaw ma’ liema taqsima tal-Korporazzjoni Telemalta kienu jahdmu meta kien imiss lilhom iressqu prova konklussiva dwar il-legittimazzjoni attiva taghhom, din il-Qorti tqis f’postha l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta tan-nuqqas tal-legittimazzjoni attiva ta’ dawn l-atturi, jew tas-successuri taghhom, u ghalhekk timmerita li tintlaqa’.

Imiss li jigu trattati dawk l-impjegati taht ir-raba’ kategorija, hekk kif elenkati minn Ayrton Caruana, fejn inghad li dawn ma nstab ebda file taghhom, li fil-fehma tieghu jindika li dawn ma rtirawx mit-Telecoms Division.

| **Isem** | **Dokumenti esebiti in atti** |
|---|---|
| Vella Joseph | JJV7 sa JJV9 a fol. 316 sa fol. 319 |
| Chircop Louis | LC2 a sa LC3 a fol. 463 sa fol. 465; LC26 a fol. 642; MV19 a fol.691 |
| Genovese Aronne | AG2 a fol. 156; MV4 a fol. 666 |
| Cini Joseph | GC5 a fol. 474 |

| | |
|---|---|
| Cutajar Joseph | JMC6 a fol. 502 |
| Vella Peter Paul | PPV1 a fol. 137; MV3 a fol. 662 sa 665 |
| Fenech Doris | DF3 sa DF5 a fol. 551 sa 553; DF1 a fol. 643; MV17 a fol. 689 |

Minn ezami tal-*employment history records* mahruga mill-ETC fir-rigward ta' Joseph Vella, Louis Chircop u Joseph Cutajar, jirrizulta li dawn irtiraw minn mal-PBS. Filwaqt li l-impjegata Doris Fenech, spiccat l-impieg taghha minn ma' Malta Electronics Limited, u minn korrispondenza li nharget fl-1993 mill-PBS, fil-konfront ta' Peter Paul Vella, dawn id-dokumenti jsostnu l-posizzjoni tas-socjeta konvenuta. Kwindi dawn il-hames atturi wkoll ma jistghux jitqiesu li kellhom legittimazzjoni attiva sabiex iressqu din il-kawza. Fil-kaz ta' Aronne Genovese u Joseph Cini, ghalkemm dawn jirrizultaw li rtiraw minn mal-Korporazzjoni Telemalta fil-31 ta' Dicembru, 1992 u fid-29 ta' Mejju, 1993, rispettivament, ma jirrizultax minn liema taqsima rtiraw, kwindi dawn ukoll naqsu milli jippruvaw il-legittimazzjoni attiva mehtiega sabiex iressqu din il-kawza.

Jonqos li jigu ndirizzati dawk it-tnax-il individwu li skont l-atturi ma gewx indirizzati fil-process ta' verifika mwettqa mis-socjeta konvenuta. Fil-kaz ta' dawn jirrizultaw is-segwenti dokumenti in sostenn tal-pretensjonijiet attrici:

| **Isem** | **Dokumenti esebiti in atti** |
|---|---|
| Bugeja Egidio | EGB7 a fol. 451 |
| Curmi Joseph | JC 5 u JC6 a fol. 480 u 481; JC24 a fol. 644 |
| Darmanin Richard | RD3 a fol. 645 |
| Falzon Carmel | CF2 sa CF4 a fol. 532 sa 534; CF7 a fol. 646 |
| Formosa Joseph | JsF2 a fol. 557; JF5 a fol. 647 |
| Sacco Remig | |
| Tanti Francis | FT2 u FT3 a fol. 297 u 298 |
| Theuma Anthony | |
| Vella Joseph CJ | JV11 u 11A a fol. 648 u 649 |
| Xerri Michael Angelo | MAX4 a fol. 343 |
| Aquilina Lawrence | |
| Baldacchino Joseph | Dok. I a fol. 593 u JB 9 a fol. 651 |

Ghalkemm mad-daqqa ta' ghajn wiehed jahseb li hemm tliet individwi li ma tressqu ebda provi dwar l-interess taghhom f'din il-kawza, jigi pprecizat li fil-kaz ta' Lawrence Aquilina u Anthony Theuma, dawn ma jiffigurawx fil-lista tal-atturi li qeghdin iressqu l-azzjoni odjerna, kwindi ma ghandhom ebda *locus standi* f'din il-kawza. Filwaqt li fil-kaz tal-eredi ta' Remigio Sacco, Egidio Bugeja, Carmel Falzon u Joseph Baldacchino, dawn naqsu milli jressqu prova konklussiva dwar il-legittimazzjoni attiva taghhom, peress li fil-kaz ta' Sacco ma tressqu ebda provi in atti, filwaqt li fil-kaz ta' Bugeja, Falzon u Baldacchino ghalkemm impjegati fi hdan il-Korporazzjoni, ma jirrizultax ma' liema sezzjoni kienu mpjegati, kwindi ma jirrizultax li tressqu l-provi mehtiega in sostenn tal-legittimazzjoni attiva taghhom. Fil-kaz ta' Joseph Curmi, Richard Darmanin, Joseph Formosa, Francis Tanti, Joseph C. J. Vella u Michelangelo Xerri, jirrizulta mill-provi in atti li dawn kienu jahdmu fil-qasam tax-xandir jew irtiraw mill-qasam tax-xandir, kwindi lanqas f'dan il-kaz ma tirrizulta l-legittimazzjoni attiva taghhom.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta qeghda tintlaqa' biss fil-konfront ta' dawk l-atturi li jaqghu taht it-tieni u r-raba' kategoriji kif elenkati mix-xhud Ayrton Caruana, kif ukoll dawk li ma kienu jaqghu taht l-ebda kategorija, kif appena spjegat, mentri qeghda tigi michuda fil-konfront ta' dawk l-impjegati li jaqghu taht l-ewwel u t-tielet kategorija, bhala impjegati trasferiti fit-Telecoms Division jew li rtiraw wara s-sena 1991 mit-Telecoms Division, kif spjegat mill-istess Ayrton Caruana, li *ex admissis* ghandhom il-legittimazzjoni attiva mehtiega.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta tista' tintlaqa' biss fil-konfront tal-atturi Charles Sacco f'ismu u f'isem huh assenti Frank Sacco, Dionisia sive Denise mart Ronald Cauchi, Antonia sive Ninette mart Anthony Gatt Hampton, Leonard Sacco u Paul Sacco bhala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Remigio Sacco, peress li naqsu milli jippruvaw li Remigio Sacco tassew kien mpjegat mal-kumpannija Rediffusion (Malta) Limited, u li sussegwentement sar ukoll impjegat mal-Korporazzjoni Telemalta meta rtira.

Imiss li tigi trattata t-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, dik fejn jinghad li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili. L-artikolu 2143 tal-Kodici Civili, jipprovdi li:

> L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.

Ghalhekk s-socjeta konvenuta qeghda tinvoka l-preskrizzjoni trentennali estintiva, dik l-aktar twila, li jekk tigi ppruvata, tista' toqtol kull forma ta' azzjoni. Jinsab pacifikament assodat fil-gurisprudenza taghna, illi:

> jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jkun jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt, u fil-frattemp iz-zmien ghal tali azzjoni ikun ghadda, jigi, fic-cirkostanzi kongruwi, li hu jkun irrinunzja ghall-prosegwiment ta' dak id-dritt." (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Pawlina Cachia vs Joseph Aquilina noe et** deciza fid-9 ta' Gunju, 2004, kif ukoll dik fl-ismijiet **Carmelo Calleja vs Carmelo Sciortino** deciza fit-30 ta' Novembru, 1971.)

Madankollu ghall-fini ta' din l-eccezzjoni, jehtieg li jigi nvestit ukoll il-punt minn meta jibda jiddekorri t-terminu nvokat. F'dan il-kuntest, jitqies rilevanti wkoll l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

> Bla hsara tad-disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li dik l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat u tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

(Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Joseph Stivala vs Prof. Joseph Colombo**, deciza fid-9 ta' Jannar, 1953). Huwa ritenut li t-test li trid il-ligi huwa dak oggettiv, dipendenti mill-fatti li fuqhom isejsu l-azzjoni taghhom l-atturi u mhux it-test soggettiv ghall-persuni ta' l-atturi (jew tal-predecessuri taghhom), u *cioe'* jekk dawn kenux jew le f'kundizzjoni li jagixxu. Il-Qorti ta' l-Appell Superjuri, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius**, deciza fis-6 ta' Ottubru, 2000, irriteniet illi:

> t-test li trid il-ligi allura kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt ta' l-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna ta' l-attur, u cjoe jekk din kienetx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni

Inoltre l-inerzja ma timpedix id-dekors ta' terminu preskrittiv, sakemm din l-inerzja ma tkunx dovuta ghall-impossibilita li l-attur jagixxi. Madankollu, kif jinsab ritenut fis-

sentenza fl-ismijiet **Diego Attard et nomine vs Angelo Fenech**, (App Kum 15/02/1965):

> l-impossibilta li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita indipendenti mill-volonta tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Is-semplici injoranza tad-dritt, fiha nfisiha, mhiex impediment ta' din ix-xorta.

Naturalment bhal fil-kazijiet kollha fejn tigi eccepita l-preskrizzjoni, din l-eccezzjoni tista' tigi kkontrastata bil-prova tal-interruzzjoni taghha. "*Provocata la prescrizione incombe all'attore di provare la sua interruzione; ed in difetto di tale prova, l'eccezione di prescrizione non puo` essere rigettata.*" (**Vol. XIX P I p 5**). Dan proprju ghaliex il-preskrizzjoni tohloq l-estinzjoni tal-obbligazzjoni. Dan unikament fuq id-dekors taz-zmien u l-inazzjoni tal-kreditur.

Trattati l-principji legali ritenuti rilevanti fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, meta din il-Qorti tapplika dawn il-principji ghall-fatti tal-kaz in ezami, jirrizulta li l-atturi qeghdin iressqu l-kawza taghhom a bazi ta' ftehim li gie ffirmat fl-1 ta' Marzu 1976, hekk kif ikkonfermat bi ftehim iehor f'Dicembru, 1981. Tant hu hekk, li fil-hames premessa tar-rikors promotur jinghad li d-dritt tal-atturi twieled mal-istess ftehim, kif ukoll l-ewwel talba attrici tikkonsisti f'talba ghall-implimentazzjoni tal-iskema tal-pensjonijiet a bazi tal-ftehim in kwistjoni. L-obbligazzjoni da parti tal-Korporazzjoni Telemalta li twaqqaf skema ta' pensjoni jorigina minn dawn iz-zewg kitbiet. Gialadarba d-dritt vantat mill-atturi skatta permezz tal-ftehim tas-sena 1976, hekk kif konfermat b'dak tas-sena 1981, huwa ritenut li minn hawn skatta t-terminu li fih l-atturi setghu jressqu t-talbiet taghhom sabiex l-istess ftehim jinghata effett, kif wara kollox qeghdin jaghmlu permezz ta' din il-kawza (u mhux meta huma rtiraw mill-impieg taghhom kif jikkontendu l-attur).

Dan jinghad peress li l-atturi li kienu jafu b'dan id-dritt sa mis-sena 1975[2] u l-ftehim kollettiv iffirmat mir-rapprezentanti tal-haddiema, li qabel kienu mpjegati mar-Rediffusion, li kien jorbot lill-Korporazzjoni twaqqaf skema ta' pensjoni simili ghal dik tal-Gvern, gie ffirmat fl-1 ta' Marzu, 1976. Ghalhekk jista' jinghad li oggettivament,

[2] Ara Dok. RG 1 a fol. 712 tal-process, cioè d-dibattiti parlamentari esebiti in atti li jitrattaw id-diversi mozzjonjiet fi stadji varji dwar l-abbozz ta' ligi dwar il-Korporazzjoni Telemalta, fejn gie espressament dibattut il-punt li l-haddiema li kienu ser jigu assorbiti f'din l-entità gdida kien ser ikunu ntitolati ghal pensjoni tal-Gvern li ma jkunux hallsu ghaliha. Kif ukoll f'certu cirkostanzi jirrizulta li l-impjegati gew infurmati personalment dwar l-iskema ta' pensjoni li l-Korporazzjoni kienet bi hsiebha taghmel – ara Dok MV11 a fol. 682 tal-process.

minn hemm skatta d-dritt taghhom li jezigu li titwaqqaf tali skema. Filwaqt li safejn il-ftehim tas-sena 1981, ikkonferma l-intenzjoni li tigi ntrodotta l-iskema tal-pensjoni, dan jammonta ghal rikonoxximent ta' obbligazzjoni, li permezz taghha jista' jitqies li giet interrotta l-preskrizzjoni. Izda minn Dicembru tas-sena 1981, beda jiddekorri mill-gdid it-terminu ta' preskrizzjoni u ghalhekk ghaddew ben oltre tletin sena sakemm l-atturi ressqu l-azzjoni odjerna, f'Settembru, 2015. L-atturi ma ressqu ebda prova li dan il-perjodu ta' madwar erbgha u tletin sena gie interrott jew sospiz jew li saret xi forma ta' rinunzja ghall-preskrizzjoni da parti tas-socjeta konvenuta.

L-atturi ressqu wkoll kopja in atti, ta' sentenza (Cit Nru 480/2002, **Francis Paris et vs Maltacom plc**, App 07/07/2008, esebita bhal Dok. C a fol. 44 et seq tal-process) li kienet titratta kwistjoni simili ta' haddiema li kienu mpjegati mal-Cable and Wireless Limited, li sussegwentement ukoll gew assorbiti fil-Korporazzjoni Telemalta, li kellhom ftehim simili, izda separat minn dak tal-atturi f'din il-kawza. Ghalkemm dik il-kawza kellha mertu identiku ghal dak in ezami, izda tressqet bosta snin qabel il-kawza odjerna. Dik is-sentenza ghalkemm meqjusa relevanti fil-mertu, in kwantu ghall-principji li jitnisslu minnha, ma ghandha ebda effett fil-konfront tal-atturi f'din il-kawza bhala ex-impjegati tar-Rediffusion. Dan jinghad peress li huwa ritenut li dik is-sentenza tal-Qorti taghmel biss stat fil-konfront tal-partijiet fil-kawza u ma jista' jkollha ebda effett fil-konfront ta' terzi (l-atturi odjerni) li ma kenux parti fil-kawza. L-atturi lanqas ma ressqu xi prova dwar xi impediment legali jew xi hjiel ta' impossibilita dovuta ghal xi kawza estranja, li kienet twaqqafhom milli jressqu l-azzjoni odjerna fil-waqt opportun.

Effettivament, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-atturi jaghmlu referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc**, kemm dik deciza mill-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Lulju, 2008, kif ukoll dik fl-istess ismijiet, deciza minn din il-Qorti (diversament preseduta) fid-29 ta' Marzu, 2011. Izda jigi sottolinjat li meta dawn is-sentenzi cahdu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kienu qeghdin jitrattaw il-preskrizzjoni kwinkwennali kif mahsuba taht l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, differenti minn dik imqanqla fil-kaz in ezami. Interessanti wkoll hija li fl-ewwel kawza, l-preskrizzjoni kwinkwennali ma kenitx ritenuta applikabbli peress li t-talba ma kenitx wahda ghall-hlas ta' kreditu (obbligazzjoni *di dare*) ai termini tal-artikolu 2156(f), izda kien qieghed jintalab li s-socjeta konvenuta taghmel xi haga (obbligazzjoni *di fare),* proprju bhall-

kaz in ezami. Kwindi kien ritenut li l-artikolu 2156(f) ma japplikax ghal din it-tip ta' azzjoni. Mentri fit-tieni sentenza li l-atturi jaghmlu referenza ghaliha, kien qieghed jintalab hlas ta' arretrati ta' pensjoni u imghax, fejn inghad li dawk l-atturi saru jafu li ghandhom dritt ghall-pensjoni meta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghaddiet in gudikat u mhux qabel. Isegwi li s-sentenzi citati mill-atturi ma kenux jitrattaw l-istess artikolu li gie ndirrizzat f'din il-kawza u ghalhekk mhumiex daqstant relevanti.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta konvenuta li d-dritt ta' azzjoni ma twelditx mad-data tal-irtirar tal-atturi, izda ladarba huma permezz tal-azzjoni odjerna talbu li jigi ordnat lis-socjeta konvenuta twaqqaf l-iskema ta' pensjoni, d-dritt ta' azzjoni skatta fil-mument li tali dritt inghata lilhom u mhux meta l-atturi ghalqu s-sittin sena. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Attard et vs Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-11 ta' Ottubru, 2012). Isegwi li ladarba lahqu ddekkorrew aktar mit-tletin sena, kif provdut fl-artikolu 2143 tal-Kodici Civili, bejn l-ahhar ftehim li fuqu jsejsu t-talbiet taghhom l-atturi sa meta huma ntavolaw din il-kawza, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tilqa' it-tieni eccezzjoni mressqa mis-socjeta konvenuta u tiddikjara l-azzjoni attrici bhala preskritta.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta limitatament fil-konfront tal-atturi kif hawn qabel spjegat u tichadha fil-konfront tal-bqija tal-atturi;

Tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili, mressqa mis-socjeta konvenuta u ghalhekk tichad it-talbiet kollha tal-atturi.

Bl-ispejjez jithallsu mill-atturi in solidum bejniethom.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur